MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1557/2003

**Maria Lourdes u Joseph Konjugi Sciberras**

**Vs**

**France Sciberras, Eric Sciberras,**
**David Sciberras, Lucianne Conti u Nadia Sciberras**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-esponenti Maria Lourdes Sciberras talbet hlas fl-ammont ta' elf u hames mija (LM1,500 ) ghal servigi resi liz-zija ta' zewgha Catherine Spiteri tul hajjitha. Illi l-istess Catherine Spiteri mietet u halliet bhala werrieta taghha lir-ragel ta' Maria Lourdes Sciberras, Joseph Sciberras u lill-intimati. Ghalkemm interpellathom jaddivjenu ghall-likwidazzjoni tal-ammont lilha dovut ghas-servigi minnha resi dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha taghmel din il-kawza.

Illi dawn is-servigi kienu diversi u kienu jikkonsistu f'kura u assistenza lil Catherine Spiteri, visiti lilha u xoghol iehor li ghamiltilha fl-interess taghha. Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett li l-intimati jigu kkundannati jhallsuha ammont ta' flus li jigi likwidat ghas-servigi minnha resi lill-imsemmija Catherine Spiteri liema ammont qieghed jigi dikjarat ghal fini ta' kompetenza ma jeccediex l-elf u hames mitt Lira Maltija (LM1,500.)

It-Tribunal ra r-risposta sollevata mill-konvenuti fejn eccepixxu :

1) Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija monka u kwindi nulla, billi ma gietx proposta kontra l-werrieta kollha tad-*decujus* Catherine Spiteri, li fosthom hemm l-attur Joseph Sciberras.
2) Illi l-azzjoni taz-zewg atturi ma tispecifikax il-perjodu ta' zmien li ghalih tirreferi, pero' fir-rigward tas-servigi pretizi hu dejjem applikabbli l-perjodu preskrittiv ta' hames snin (Artiklu 2156 tal-kodici Civili Kap 16) billi Catherine Spiteri mietet fit-8 ta' April, 1996 u ghalhekk l-azzjoni ta' kull wiehed mill-atturi hi perenta.
3) Illi l-azzjoni attrici giet istitwita tardivament billi d-divizjoni tal-wirt ta' Catherine Spiteri saret u giet dekretata mit-Tribunal ta' l-Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt, b'decizjoni tal-4 ta' Marzu, 2002. F'dik il-procedura, Jospeh Sciberras (attur odjern) kien parti u ghalkemm kien legatarju u werriet testamentarju ta' Catherine Spiteri, ma ghamel ebda riserva ghall-pretensjoni tieghu u ta' martu dwar kumpens ghal servigi allegatament resi lill-istess Catherine Spiteri.
4) Illi s-servigi minimi li talvolta setghu gew resi miz-zewg atturi, gia gew adegwatament kumpensati mill-mejta Catherine Spiteri, kemm bil-legat imholli lill-atturi kif ukoll mod iehor. Dan jirrizulta anke mid-decizjoni tal-imsemmi Tribunal.
5) Illi fil-verita' l-attrici Maria Lourdes Sciberras ma rrendiet ebda servigi sostanzjali lid-*decujus*, billi l-istess Catherine Spiteri kienet effetivament rikoverata f'dar ta' kura sa minn snin twal qabel ma giet nieqsa. Servigi simili u ta' l-istess entita' u natura gew resi anke mill-eccipjenti,

fi gradi differenti, u dana stante n-natura u l-entita' taghhom gew resi fuq bazi familjari u mhux ghal skop ta' lukru.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda kollha u x-xhieda bl-affidavits.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha ezebiti fil-process miz-zewg partijiet.

Ra l-atti kollha.

Ra l-ittra ufficjali datata 7 ta' Awissu, 2000 mibghuta mill-attrici.

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Din il-kawza titratta dwar somma pretiza ghal servigi resi mill-atturi tul l-ahhar sbatax-il sena ta' hajja taz-zija tal-attur Catherine Spiteri li mietet fit-8 ta' April, 1996.

Illi mit-testment esebit u b'decizjoni tat-Tribunal ta' l-Arbitragg dwar il-qsim ta' wirt jirrizulta illi l-atturi kienu mhollija legat favurihom mid-*decujus* Catherine Spiteri.

Illi mix-xhieda dokumentat tal-familjari ta' Catherine Spiteri jidher illi kulhadd kien ta sehmu ftit jew wisq mad-defunta tul l-ahhar snin ta' hajjitha. Izda jidher illi l-atturi kienu l-aktar qrib ma' Catherine Spiteri mill-werrieta kollha partikolarment mart l-attur u cioe' Maria Lourdes Sciberras li hija 'nurse' u li kienet tghin lil Catherine Spiteri fil-kura medika taghha kif ukoll sabiex tahsel l-indumenti taghha u ghalhekk l-eccezjoni li l-attrici ma rrendietx servigi ma tirrizultax.

Dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ittra ufficjali pprezentata fis-7 ta' Awissu, 2000 u debitament notifikata lill-konvenuti

interrompiet il-preskrizzjoni kwinkwennali taht l-Artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Illi dwar l-eccezzjoni ta’ nullita’ ta’ l-azzjoni minhabba l-fatt illi l-kawza ma gietx istitwita kontra l-werrieta kollha, it-Tribunal huwa tal-fehma li Joseph Sciberras zewg l-attrici Maria Lourdes, jibqa’ dejjem wiehed mill-werrieta indipendentement mill-ezitu tal-kawza. It-Tribunal huwa tal-fehma ukoll illi l-kawza ma saritx tardivament ghaliex talba ghal servigi hija independenti minn qsim ta’ wirt u m’hemm ebda obbligu illi l-azzjoni tigi proposta qabel jew matul id-divizjoni. F’kwalunkwe’ kaz il-qsim tal-wirt sar fl-4 ta’ Marzu, 2002 u bl-ittra ufficjali tas-7 ta’ Awissu, 2000 il-werrieta kienu diga gew interpellati sabiex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni tas-servigi resi.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-atturi gew kumpensati bi prelegat it-Tribunal huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi prelegat mholli favur wiehed mill-werrieta ma jistax jitqies bhala kumpens ghal servigi, ghalkemm ghandu jinghad ukoll illi s-servigi qeghdin jigu pretizi primarjament minn Maria Lourdes Sciberras li ma kienet issemmiet imkien fit-testment.

Illi primarjament dan it-Tribunal ghandu jikkonstata l-effett tal-interuzzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li talba ghal hlas ta’ servigi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali kif kontemplata fl-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artiklu gie indikat fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Ghalhekk l-azzjonijiet ghal hlas ta’ servigi jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ hames snin.

Din l-gurisprudenza hija kostanti fil-Qrati taghna. Dan il-principju gie kristallizat kemm fis-sentenza tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Jannar, 2005 fl-ismijiet ‘Agostino Pace et vs Antonio Agius nomine’, kif ukoll fis-sentenza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ April, 2005 fil-kawza fl-ismijiet ‘George Sciberras et vs Josephine Spiteri et’.

Jirrizulta li s-servigi li qed jintalab il-hlas taghhom gew resi fuq perjodu ta’ circa sbatax-il sena, biss l-ittra ufficjali

gietipprezentata fis-7 ta' Awissu, 2000 u cioe' erba' snin u erba' xhur minn l-ahhar data li gew rezi xi servigi u cioe' mid-data tal-mewt ta' Catherine Spiteri fit-8 ta' April, 1996.

Skond ix-xhieda li giet esebita it-Tribunal ma jistax jikkonstata illi b'xi mod kien hemm xi rikonoxximent tad-debitu jew promessi da parti mid-*decujus* ghalhekk ma kienx hemm interruzzjoni jew ammissjoni tad-debitu. It-Tribunal ghahekk ghandu joqghod fuq l-imsemmija ittra ufficjali bhala riferenza ghall-interuzzjonii tal-preskrizzjoni. Ghalhekk fil-konfront tal-werrieta kollha, l-atturi ghandhom dritt biss ta' kumpens ghall-ahhar tmien xhur tal-hajja tad-*decujus* u ghalhekk qieghed jilqa' l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

It-Tribunal jirrileva li dwar il-mertu *trattandosi* ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, jkollu jirreferi u joqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li servigi gew resi mill-attrici izda huma *familiaris causa* u mhux servigi resi minn terzi barra mic-cirku familjari.

F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jipprovdi illi jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jaddivjeni ghall-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq *familiaris causa* ghal tmien xhur qabel il-mewt ta' Catherine Spiteri u ghalhekk it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq moghtija qieghed *arbitrio boni viri* jillikwida s-somma li ghandhom ihallsu lill-attrici Maria Lourdes Sciberras fis-somma ta' mija u ghoxrin Lira (LM120) u cioe' f'ammont ta' ghoxrin Lira (LM20) minn kull wiehed u wahda mill-werrieta bhala l-kumpens ghal tmien xhur ta' servigi resi lid-*decujus* Catherine Spiteri mill-attrici Maria Lourdes Sciberras.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt illi jilqa' t-talba tal-atturi limitatament kif fuq spjegat, jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' ghoxrin Lira

(LM20) kull wiehed, lill-atturi  bl-interessi skond il-Ligi mill-prezentata tal-Avviz.

Spejjez a karigu tal-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------